MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 569/2012

Appell **Numru: 569/2012 MM**

**Il-Pulizija**

**Spettur Anthony Cassar**

**Vs**

**Carmelo Joseph Psaila**

Illum, 6 ta' Marzu, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-appellant **Carmelo Joseph Psaila** detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru: 174988M li gie akkuzat talli:

Fi Triq Gebel Hanxul u fi bnadi ohra f'Marsascala, nhar it-8 ta' Marzu, 2006, ghall-habta ta' xi l-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar:

Bil-hiseb li ghamel delitt u cioe` ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martek Ruth Psaila minn Marsascala, wera dan il-hiseb b' atti esterni u ta' bidu ghal-ezekuzzjoni tad-delitt, meta

fil-waqt li hedda bil-mewt, saq il-vann tieghu bin-numru tar-registrazzjoni CAT-741 fid-direzzjoni taghha, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u dan ai termini tal-artikoli 41(1)(a) u kif ukoll 218(1)(a)(b);

Saq l-istess vettura CAT-741 b'manjiera perikoluza, traskurata u bla kont'

Saq l-istess vettura b'giri aktar milli jmissu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Novembru, 2012 fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu hlief ghal dik ta' sewqan b'giri aktar milli jmiss;

Rat l-Artikoli 18, 41(1)(a), 86, 87(1)(c), 141, 214, 218(1), 339(1)(e), 382A u 412C tal-Kodiċi Kriminali Kap 9, u l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Dwar il-piena, l-Qort thoss illi m'ghandiex titratta mal-hati bhala *first offender* fl-ewwel lok ghaliex mhuwiex hekk u fit-tieni lok ghaliex it-tortura li kkawza lill-martu hija tali li ma jisthoqqlux li jkun hekk trattat. Il-Qorti thoss illi ghalkemm huwa naturali li kull individwu ikun anzjuz dwar uliedu f'mumenti ta' separazzjoni personali, dan ma ghandu qatt u qatt jiehu l-ligi b'idejh u jaghmel dak li ghamel il-hati. Il-konsegwenza ta' dan kollu hu li l-vittma u uliedha jibqghu tormentati ghall-zmien twil b'dan l-akkadut u f'kazijiet li jista' jwassal ghall-forom ta' ossessjonijiet serji. Dan ma kienx incident ta' darba u l-hati seta jaghraf li kien ghamel hazin wara l-ewwel okkazzjoni izda ghazel li jibqa' ghaddej b'din it-tortura sakemm fl-ahhar ikkawza hsara permanetni fil-gisem tal-kwerelanta u dan ma jistghax jghaddi inosservat minn din il-Qorti. Ghal dawn il-motivi qed tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) mil-lum;

Inoltre qed tiskwalifikah mil-licenzji tas-sewqan tieghu ghal zmien sena minn meta jiskonta s-sentejn prigunerija u tohrog kontra tieghu ordni ta' trazzin ghal perjodu ta' tlett snin minn meta jiskonta t-terminu ta' prigunerija skond id-dispsot tal-artikolu 382A tal-Kap 9.

Rat ir-rikors tal-appellant Carmelo Joseph Psaila, pprezentat fl-11 ta' Dicembru, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn illiberat lill-appellanti mill-akkuza dwar li saq il-vettura CAT-741 fit-8 ta' Marzu, 2006 b'giri aktar milli jmissu, u tilliberah mill-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu u fin-nuqqas tapplika piena anqas oneruza u li ma tkunx wahda ta' karcerarja u effettiva fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Carmelo Joseph Psaila w cioe':-

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazing tal-fatti kif wkoll tad-dritt;
2. Illi l-ewwel Qorti ma qaditx fuq xhud okkulari u indipendenti mill-istess kwerelanti u l-appellanti u cioe dik ta' Many Pellicano meta xehedet li kull ma rat lill-appellanti jaghmel kien ratu jaghti daqqa wahda fejn il-qorti l-anqas biss deherilha li ghadha taghti kaz dan dettal tant importanti u kardinali u sa skartat ix-xhieda tat-tabib Dr. Ian Gauci MD li cceertifika u kkonferma dwar il-griehi dwar l-allegat kaz tat-23 ta' Settembru, 2004.
3. Illi dwar il-kredibilita tax-xhud, Ruth PSaila li hija l-kwerelanti, l-Qorti sahansitra l-anqas biss ttestjat din il-kredibilita b'mod oggettiv meta dettalji kif gia nghad u jinghad waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, facilment tikkonstata li l-istess xhud kienet qedha tigdeb dwar effettivament x'gara fiz-zewg incidenti u aktar anke fl-incident li suppost sehh fit-8 ta' Marzu, 2006 fi Triq Gebel Hanzul meta Ruth Psaila tghid lid an sehh fis-saghtejn nieqes kwart ta' wara nofs in-nhar u l-imputazzjoni fejn instab hati mill-ewwel qorti huwa l-04.30p.m.!!!
4. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel tlett aggravji, wkoll fuq id-dritt kostituzzjonali u llum accettat wkoll mill-Qorti Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem dwar dewmien mhux xieraq fl-ghoti tas-sentenza, l-appellanti gie akkuzat fuq incident ta' Settembru, 2004, sentejn wara li suppost sehh dan il-kaz, u jigi moghti sentenza ta' sentejn prigunerjia tmien snin wara li sehh l-allegat kaz, meta l-istess appellanti wara dawn is-snin kollha, apparti li avvanza fil-hajja tieghu kemm fuq ix-xoghol

professjonali tieghu bhala engineer fl-Armata, huwa wkoll kien gia sssepara legalment u uliedu kibru u saru maggiorenni u martu l-kwerelanti sa llum divorzjata u tghix ma dak li meta sehhew l-allegati incidenti kienet diga qedha f'relazzjoni u dan kollu l-ewwel Qorti lanqas biss tlissen kelma bhala cirkostanzi partikolari li tal-inqas kelhom ikunu fattur ghall-mitigazzjoni tal-piena u li ma tapplikax piena karcerarja;

5. Illi anek fil-kummenti taghha l-ewwel Qorti fuq il-fedina penal ital-appellanti, anke hawn zbaljat ma kinietx gusta totalment meta fil-kumment li l-appellanti ma hux first offender ai fini ta' piena, minn ezami semplici tal-istess a fol 212 u 213, messa ndunat mill-ewwel li l-appellanti sad-dati meta kien akkuzat kull ma kellu fil-fedina penali kien kaz tat-traffiku tat-13 ta' Mejju, 2003 meta ghamel uzu minn vettura meta ma kienitx koperta b'polza tal-assikurazjon u wehel multa ta' 280 liri maltin, perress li sentenza tat-30 ta' April, 2007 meta huwa inghata l-artikolu 22 tal-Kap 446 ghal zmien xahar kien jitratta akkuzi ta' kazi kontravenzjojnali u ghall-data partikolari!!!
6. Illi l-ewwel qorti ma ezamintax l-istess dokumenti esebiti waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri inkluz document partikolari li gie esebit mill-istess appellanti waqt l-istess xhieda tieghu u dan biex setghat tasal dwar il-kreddibilita` tieghu meta tizinha ma dik tal-kwerelanti martu Ruth Psaila.

Ikkunsidrat.

Illi din il-kawza titratta dwar tliet incidenti bejn l-appellant il-mara tieghu,l-kwerelanta li sehhew fuq medda ta' zmien. Jirrizulta li l-koppja Psaila ghaddejja minn zmnijiet difficli hafna fiz-zwieg taghhom tant illi wkoll kienu nizjaw proceduri ta' separazzjoni personali minn xulxin. L-akkuzi jitrattaw dwar allegazzjni ta' vjolenza fuq il-parti leza fejn f'wiehed minnhom issubiet feriti ta' natura permanenti. Il-kwerelanta tat deskrizzjoni ta' l-incidenti li sehhew matul din ir-relazzjoni, tibda billi tispjega l-isfond ta' dan kollu billi fin-1996 hi kellha titlaq bit-tfal mid-dar taghhom minhabba s-swat u l-agir ta' l-akkuzat. Fit-23 ta' Settembru, 2004 ghal habta ta' 9:30 pm kienet hierga mid-dar taghha fi Triq l-Iskal, Wied il-Ghajn biex tmur passiggata meta f'hin minnhom waqaf l-appellant bil-van tieghu, hareg mill-van u beda jghajjarha li hi prostituta. Kompliet tghid illi hu gibdilha l-pouch li kellha ma qaddha, tefa' l-pouch fil-van tieghu u beda jsawwatha bil-ponn kif ukoll bis-sieq. Meta ppruvat tahrab, gera warajha u meta qabadha beda jkaxxqarha minn xagharha, meta gew il-

pulizja waqaf jaghtiha d-daqqiet, marret il-Polyclinic fejn kienet iccertifikata minn Dr. Ian Gauci li kienet qed tbaghti minn diversi tbengil u gdim f'diversi partijiet ta' gisimha. Xehdet li baqghet mugugha f'halqa u marret ghand id-dentist taghha fejn iccertifikaha illi kellha sniena ta' quddiem ta' fuq imkissrin u kellha x-xoffa ta' isfel maqsuma, hi baqghet ghaddejja bi trattament ta' snienha sa snin wara.

Ghal din il-vjolenza kien hemm xhieda okolari fil-persuna ta' Mandy Pellicano li qalet li dakinhar kienet qed thott xi affarijiet mill-vettura taghha meta semghet l-ghajjat, marret tara x'kien dan l-ghajjat u hemmhekk gharfet lill-appellant u lil kwerelanta u semghet lill-appellant jirrepeti dejjem l-istess kliem, "*fejn huma t-tfal, fejn huma t-tfal*", imbaghad jimbuttaha, taha daqqa go wiccha bl-idejn. Semghet lill-appellant jghid illi hu kien ilu ma jara t-tfal xi erba' xhur u deher irrabjat hafna minhabba din is-sitwazzjoni. Pellicano qalet illi l-parti leza ma rritaljatax ghal din l-agressjoni u hi ppruvat tikkalma s-sitwazzjoni.

Dwar it-tieni ncident illi sehh fit-8 ta' Marzu, 2006 dinid-darba kienet qed tirritorna mill-post tax-xoghol taghha ghal habta ta' 1:45 pm, waqt li kienet qed tavvicina d-dar tara lill-akkuzat gej bil-van tieghu one-way, telghet il-bankina u marret tistkenn wara telephone box. Dak il-hin qalilha d-diskors "*ipprova nzel mill-bankina*" waqt li kien qed jidhaq b'mod sarkastiku, hi qalet li dak il-hin ma marritx taghmel rapport izda marret tigbor it-tfal mill-iskola. Xehed ukoll PS 91 Michael Buttigieg li kkonferma illi dwar l-incident inkwistjoni kien sar rapport mill-kwerelanta dakinhar stess ghal habta ta' 4:30 pm. Il-kwerelanta kompliet tghid illi ta' spiss kienu jsehhu ncideti bejniethom, l-imputat kien isegwiha bil-vettura tieghu u gie li kien jaghmel xi storbju anke wara l-bieb tad-dar taghha, kien ukoll jghidilha diskors fis-sens illi, *"I'll break your neck, jien naghmilielek, dalwaqt tispicca, jien neqirdek"*.

Ikkunsidrat.

Fil-bidu tal-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Magistrati ghazlet li ma tiehux konjezzjoni ta' l-istqarrija ta' l-appellant esebita in Atti ghaliex, kif diversi drabi minnha ritenut f'kawzi ohra, din mhijiex iffirmata mill-Appellant u ghalhekk m'ghandha l-ebda effett probatorju.

Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument, il-fatt illi stqarrija ma tkunx iffirmata minn dak li jkun  ma jfissirx illi m'ghandiex effett probatorju.  L-istqarrioja hija regolata bl-Artiklu 658 tal-Kap 9 illi jghid, *"Kull haga li l-imputat jew akkuzat jistqarr sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm il-darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmulha minnu volontarjament u ma gietx imgieghlha jew mehuda b'tHeddid jew biza' jew b'weghdiet jew b'xi twebbil ta' vantaggi.*   L-Artiklu sussegwenti 659 jghid, *"Meta l-konfessjoni titnizzel bil-miktub filwaqt tigi maghmulha l-kitba ghandha tigi prezentata . . ."*.   Imkien minn dawn iz-zewg Artikoli ma jinghad illi l-istqarrija biex tkun valida trid bilfors tkun iffirmata minn dak li jkun ghamilha.  L-unici kweziti huma li tkun maghmulha volontarjament u ma tkunx imtappna b'xi theddid, biza', weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.  L-ewwel wahda minn dawn il-kweziti ma giex allegat illi ntuzat f'dan il-kaz, ghalhekk l-ewwel Qorti setghet liberament tikkonsidra l-istqarrija ta' l-appellant ghad illi din ma kienetx iffirmata.  Pero' l-Qorti xorta ghazlet illi tiehu n-konsiderazzjoni x-xhieda illi ta l-appellant quddiemha fejn fis-Sentenza taghha l-ewwel Qorti elenkat bl-aktar dettal din ix-xhieda ta' l-appellant u kkunsidrat din ix-xhieda fl-isfont tal-parti leza u x-xhud indipendenti Mandy Pellicano rigwared l-incident ta' Settembru, 2004.

Wara illi l-ewwel Qorti ghamlet l-evalwazzjonijiet taghha waslet ghal konkluzjoni illi l-verzjoni moghtija mill-appellant hija wahda inverosimili u dana ghar-rigward tat-tliet incdenti illi taghhom l-appellant kien addebitat, sakemm waslet ghal konkluzjoni illi l-akkuzi kollha kienu jirrizultaw ippruvati hlief dak ta' sewqan b'giri aktar milli jmissu.

Ghal dak li jirrigwardja l-agravju kontemplat fl-Artiklu 141 u cioe' bhala Ufficjal Publiku wettaq reat li kien fid-dmir li jissorvellja li ma jsirx, ma hemmx dubju illi l-appellant huwa membru tal-Forzi Armati ta' Malta u ghalhekk kellu d-dmir illi jara li jzomm l-ordni publiku. L-appellant argumenta li din kienet xi haga domestika bejnu u bejn martu li m'ghandha x'taqsam xejn mal-manzjoni tieghu ta' Ufficjal Pubbliku.  Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument, dawn l-incidenti ma kienux limitati ghad-dar ta' l-appellant izda kienu maghmula kollha fil-publiku quddiem in-nies fejn allura jigi illi l-appellant kien fid-dmir illi jara li jzomm l-ordni publiku u mhux hu jaghmel azzjoni li kiser l-ordni.

L-appellant ikkritika wkoll is-Sentenza ta' l-ewwel Qorti ghax kien hemm xi zbalji zghar fil-hin u fid-dati fejn gara l-incident. Dawn l-izbalji huma "de minimis" u ghalhekk m'ghandhomx jiddisturbaw l-apprezzament tal-Qorti. Wara kollox, il-hin moghti fic-citazzjoni huwa generiku u mhux biss f'hin partikulari peress li dan il-hin huwa kkwalifikat *"ghal habta . . ."* , mill-bqija l-Qorti issib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragunevalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha kif qalet il-kawza Republika ta' Malta vs Ivan Gatt, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-1 ta' Dicembru, 1994, *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun ibbazat fuq appezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anke jekk hemm xi verzjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghet liberament u serenament tigi emmnuta minghar ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emmnuta u evidentement giet emmnuta . . . il-funzjoni anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa illi tirrispetta dik id-disrezzjoni u dak l-apprezzament."* Ir-ragunament ta' l-ewwel Qorti huwa bbazat fuq il-fatti u l-evalwazzjoni ta' dawn huma perfettamnet raggungibli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba dan l-apprezzament.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi u hekk hu f'dan il-kaz. Pero' din il-Qorti tirrealizza wkoll illi dawn l-incidenti graw mas-7 snin ilu u aktar u minn dak iz-zmien l-hawn ma gewx rapurtati aktar incidenti bejn il-konjugi. Fil-waqt li din il-Qorti thares bl-aktar mod sever lejn incidenti ta' vjolenza fil-konfront ta' nisa fejn minhabba l-vulnerabilta taghhhom huma aktar soggetti illi jigu abbuzati, din il-Qorti ma tista tinjora dan it-trapass ta' zmien u fil-waqt illi taqbel mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti fejn imponiet piena ta' prigunerija jidhrilha illi stante t-trapass ta' zmien, u l-imgieba tajba tal-appellant dan it-terminu ghandu jkun sospiz ghal zmien 3 snin.

Ghalhekk, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa l-appell in parti, tirriforma s-Sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn illiberat lill-appellant mill-akkuza dwar illi saq il-vetura b'giri aktar milli jmissu, tikkonfermaha wkoll fejn sabitu hati ta' l-akkuzi l-ohra dedotti

kontra tieghu, izda tirriformaha ghal dak li jirrigwardja l-piena u flok piena ta’ sentejn priggunerija effettiva tikkundanna lill-appellant ghal terminu ta’ priggunerija ta’ sentejn b’dana pero’ wara li rat l-artiklu 28 A tal-kodici kriminali tordna li dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien 3 snin mil-lum. In oltre tikkonferma l-bqija tas-sansjonijiet maghmulha mill-ewwel Qorti u cioe’ li tiskwalifikah mill-licenzji tas-sewqan tieghu ghal zmien sena mid-data ta’ din is-Sentenza kif ukoll ordni ta’ protezzjoni ghal perjodu ta’ 3 snin skont id-dispost ta’ l-Artiklu 382 A tal-Kap 9.

Fl-ahhar nett tirrakkomanda lil Kmandant tal-Forzi Armati li din il-kundanna m’ghandix ikollha effett fuq il-pozizzjoni u x-xoghol ta’ l-appellant bhala suldat mal-Forzi Armati ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------